**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 22 ta' Awwissu, 2023**

## Rikors Revoka: 276/2023 AF

Fl-atti tar-rikors guramentat nru. 199/22AF fl-ismijiet:

**Alexandra Pulis**

**vs**

**Kevin Degabriele**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Kevin Degabriele, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih moghtija, din il-Qorti ntalbet thassar mandat ta' inibizzjoni mahrug fil-konfront tieghu minn Alexandra Pulis u li bih gie mwaqqaf milli jkompli xoghol fuq proprjetà tieghu f'Haz-Zabbar.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat ir-risposta ta' Alexandra Pulis.

Rat id-dokumenti annessi.

Semghet lid-difensuri jittrattaw ir-rikors li thalla sabiex jigi degretat *in camera*.

Doveruz illi din il-Qorti tissenjala illi, fil-kuntest ta' digrieti kawtelatorji, jibqa' dejjem segwit il-principju li kull decizjoni li taghti l-Qorti hija essenzjalment kostretta b'dak li jidher mad-daqqa t'ghajn. Il-Qorti qeghda tenfasizza dan ezattament ghaliex l-istess rikorrenti fit-twegiba taghha ghal dan ir-rikors qeghda tinsisti li m'ghandux jigi revokat il-mandat sabiex fil-Qorti r-rikorrenti odjern (fil-kawza intimat/konvenut) ma jkunx jista' jistrieh fuq il-fatt li x-xogholijiet gew koncessi lilu mill-Qorti. Dan huwa argument bla ebda bazi legali u gurisprudenzjali. Ikun x'ikun l-ezitu ta' din il-procedura, jibqa' mhux mittiefes l-obbligu ta' Kevin Degabriele li jirrispetta kull dritt li tista' tgawdi r-rikorrenti.

Dan premess din il-Qorti qeghda tqis illi Kevin Degabriele isejjes it-talba tieghu odjerna fuq l-Art. 836(1)(f) tal-Kap. 12 li jipprovdi ghat-thassir ta' mandat kawtelatorju:

> *"(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."*

Jirrizulta illi l-ilment ta' Alexandra Pulis fil-mument tat-talba ghall-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni kienu essenzjalment il-ftuh ta' toqob fil-hajt divizorju u r-rimozzjoni ta' katusa tal-ilma tax-xita. Jirrizulta wkoll illi x-xogholijiet *de quo* kienu digà saru. Inoltre, jidher illi l-istess toqob u katusa ma jaghtux ghal fuq proprjetà ta' Alexandra Pulis izda ghal fuq bejt proprjetà ta' terz.

F'dawn ic-cirkostanzi, ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tirrevoka l-mandat ta' inibizzjoni Nru. 115/2022.

L-ispejjez jibqghu rizervati ghall-gudizzju finali fil-kawza fil-mertu pendenti bejn il-partijiet.

IMHALLEF